Kunsill Lokali **SAN PAWL IL-BAĦAR** Local Council

**MINUTI - LAQGĦA TAL-KUNSILL**

**IT-TMIEN KUNSILL**

**SEDUTA NRU. 12 – IT-TNEJN, 14 TA' MARZU 2016**

Il-Kunsill iltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu fi Triq San Pawl, San Pawl il-Baħar mis-19:05 sal-20:41.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Graziella Galea | Sindku |
| | David Thake | Viċi Sindku (mis-19:10) |
| | Alfred Grima | Kunsillier |
| | Raymond Tabone | Kunsillier |
| | Paul Bugeja | Kunsillier (sat-20:05) |
| | Robert Piscopo | Kunsillier (mis-19:15 sat-20:33) |
| | Joseph Vella | Kunsillier (mis-19:05) |
| | Antoinette Bezzina | Kunsillier (sat-20:05) |
| | Matthew John Barbara | Kunsillier |
| | Daniel Grima | Kunsillier (mis-19:10) |
| | Paul Gatt | Aġent Segretarju Eżekuttiv |
| | Gloria Debono | Uffiċjal Eżekuttiv |
| Skużati: | Mandy Buhagiar | Kunsillier |
| | Anne Fenech | Kunsillier |
| | Stephen Cremona | Kunsillier |
| | Simone Aquilina | Chairperson KAB |

1. **NUQQAS TA' QUORUM**

1.1. Hekk kif issejħet il-laqgħa fil-ħin kien hemm biss sitt Kunsillieri preżenti u għalhekk ma kienx hemm il-*quorum* meħtieġ.

1.2. Hekk kif wasal il-Kunsillier Vella (fis-19:05) intlaħaq il-*quorum* u bdiet il-laqgħa.

2. **APOLOĠIJI**

2.1. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv (SE) informa li l-Kunsillieri Buhagiar u Fenech talbu li jkunu skużati mil-laqgħa. Kopji tal-emails annessi f'A.

3. **APPROVAZZJONI TAL-MINUTI**

3.1. Il-Kunsillier A Grima staqsa dwar is-sitwazzjoni tal-i*streaming*. Is-Sindku infurmatu li qed isir dak kollu possibli biex l-i*streaming* jibda jiffunzjona mil-laqgħa li jmiss. Madanakollu fakkret li s-sistema mill-bidu nett kellha l-problema u l-ħoss qatt ma kien tajjeb tant li ma kien jingħaraf kważi xejn mid-diskors li

jingħad. Hija għalhekk m'eskluditx li jkun hemm il-ħtieġa ta' spejjeż addizzjonali biex is-sistema taħdem tajjeb. Ma kienx hemm oġġezzjoni għal dan.

3.2. Tressqu imbagħad il-minuti tal-laqgħa preċedenti li kienu meqjusa moqrija. Dawn kienu approvati mingħajr emendi u ffirmati mis-Sindku u mill-Aġent SE.

## 4. PUNTI MILL-MINUTI TAL-LAQGĦA PREĊEDENTI

4.1. Il-Kunsillier Bugeja ġibed l-attenzjoni għall-para. 4.6 dwar il-ħin tal-laqgħat fejn reġa talab li darba tibda kmieni u darba tard biex takkomoda lil kulħadd.

4.2. Is-Sindku infurmat li dwar para. 6.2 l-applikazzjoni (LLL) saret.

4.3. Is-Sindku rreferiet għal para 6.1 fejn infurmat li kellha laqgħa mal-iskrivan ikkonċernat fejn infurmaha li madwar sena ilu kien applika għal xogħol ieħor li huwa aktar relatat mal-istudju tiegħu.

4.4. Il-Kunsillier A Grima irrefera għal para. 6.1 u informa li għandu ittri mingħand ħaddiema li rreżenjaw mill-Kunsill li ppreokkupawh għax jidhirlu li hemm xi ħaġa ħażina.

4.5. F'dan il-ħin wasal il-Kunsillier Piscopo.

4.6. Il-Kunsillier A Grima rrefera għal para. 9.6 fejn talab lill-Kunsill jindaga fejn spiċċa l-apparat tal-bandli speċjalment iż-żurżieqa.

4.7. Is-Sindku infurmat li dwar para. 12.5 talbet li jkun hemm superviżjoni tal- *green wardens* u li sar matul il-jiem li għaddew. Fil-laqgha li jmiss is-Sindku ser taġġorna lill-Kunsill dwar dan.

4.8. Il-Kunsillier D Grima fakkar fir-*railing* mat-taraġ maġenb il-Knisja.

## 5. KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU U KORRISPONDENZA

5.1. Kienet ippreżentata l-ittra mingħand l-Istitut Soċjo-Kulturali San Pawl fejn talbu l-Kunsill jekk għandux oġġezzjoni biex titpoġġa statwa tal-Markiża Bugeja fejn it-Torri ta' Wignacourt. Is-Sindku infurmat li se toħroġ u ħarġet mil-laqgħa biex ikun evitat kull dubju ta' konflitt ta' interess. Fil-fatt il-Perit tal-proġett kien missiera. Inġibdet l-attenzjoni dwar id-data tal-ittra li kienet tindika is-sena 2014 għalkemm kien evidenti li aktarx kien żball minħabba li d-data u x-xahar kienu tajbin. Fuq proposta tal-Viċi Sindku kien hemm qbil unanimu li jekk ikun ikkonfermat li s-sena hija żbaljata, il-Kunsill jikkonferma li m'għandu l-ebda oġġezzjoni.

5.2. F'dan il-ħin is-Sindku ġiet imsejħa tidħol fil-Kamra u daħlet sabiex tkompli tippresiedi l-laqgħa.

5.3. Is-Sindku infurmat li kien qiegħed isir ko-ordinament mad-Direttorat tat-Tindif biex titpoġġa CCTV fi Triq il-Port Ruman minħabba l-ammont ta' ħmieġ li qed ikun hemm. Madanakollu jista' jkun hemm spejjeż minħabba l-bżonn li jinġieb l-elettriku. Il-Kunsill qabel li jikkunsidra l-possibiltajiet kollha biex issir bl-inqas spejjeż possibli.

5.4. Kienet imressqa proposta li waslet għand is-Sindku għal revision courses tal-O Levels bla ħlas għar-residenti. Il-Kunsill qabel ma' din l-idea.

5.5. Is-Sindku infurmat li wara li kien applika, l-Kunsill kien rebaħ Lap Top biex ikun jista' jintuża mill-pubbliku li jkollhom bżonn jiinqdew mis-servizzi governattivi online.

5.6. **Fuljett tal-Kunsill:** Is-Sindku pproponiet li l-Kunsill għandu jippubblika *magazine* tliet darbiet fis-sena. Għandu jsir tentattiv biex jinġabru kemm jista' jkun reklami u għal dan ipproponiet ukoll li possibilment jitqabbad persuna/entità biex jiġbor ir-reklami billi jitħallas persentaġġ mir-reklami miġbura.

5.7. Il-Kunsillier A Grima ddikjara li jekk hemm spejjeż għall-Kunsill huwa ma jaqbilx għax jidhirlu li hemm xogħol ieħor aktar importanti xi jsir.

5.8. Wara diskussjoni ttieħed vot. Ivvutaw favur: Is-Sindku, il-Viċi Sindku, il-Kunsillieri Vella, Bezzina u D Grima. Ivvutaw kontra: il-Kunsillieri A Grima, Bugeja, Tabone u Barbara. Astensjoni: Il-Kunsillier Piscopo. Għalhekk il-proposta kienet approvata b'ħames voti favur, erbgħa kontra u astensjoni.

5.9. **Jum il-Lokalità:** Tressqet ukoll proposta biex jibda jkun organizzat Jum il-Lokalità. Il-Kunsill qabel unanimament.

5.10. **Sessjonijiet mid-Dipartiment tas-Saħħa:** Is-Sindku infurmat li mad-Direttorat tas-Saħħa minbarra s-sessjonijiet tal-Aerobics, kienu ser jiġu organizzati wkoll sessjonijiet fuq in-nutrizzjoni u t-telf ta' piż żejjed, taħt l-istess programm.

5.11. **Impjiegi fl-Amministrazzjoni:** Is-Sindku nfurmat li skrivana tal-Kunsill kienet tefgħat ir-riżenja tagħha mill-Kunsill. Hija żiedet li kienet saret laqgħa ma' din l-iskrivana fejn infurmat li r-raġuni tar-riżenja kienet għaliex ġiet magħżula f'Reġjun b'kariga ogħla.

5.12. Is-Sindku infurmat li kienet saret l-għażla tal-iskrivana l-ġdida skont kif kien rakkomandat u maqbul unanimament mill-Bord tal-Għażla. Is-SE kien bagħat korrispondenza rigward dan lill-Kunsillieri.

5.13. Kien hemm oġġezzjoni min-naħa tal-Kunsillier A Grima għaliex sostna li din kellha titressaq għall-approvazzjoni tal-Kunsill waqt laqgħa formali qabel ma tkun ikkonfermata.

5.14. Il-Kunsill kien mgħarraf però li kien hemm diversi ċirkostanzi li wasslu għal dan fosthom: 1) li f'deċiżjoni preċedeni l-Kunsill kien qabel li jekk il-Bord ikun unanimu jista' jipproċedi; 2) kien hemm żewġ skrivani li waslu biex jirreżenjaw u għalhekk aktar dewmien kien iħarbat is-servizzi lil-pubbliku; 3) il-persuna magħżula kienet l-unika waħda li kien għad fadal interessata u għalhekk ma kienx każ ta' possibiltà li l-Kunsill ma jaqbilx fuq kwistjoni ta' għażla bejn persuna u oħra; 4) il-persuna magħżula diġà kellha xi xhur esperjenza fil-Kunsill Lokali Iklin u l-kummenti li kellhom kemm is-Sindku kif ukoll is-SE tal-Iklin dwarha kienu favorevoli ħafna.

5.15. Is-Sindku pproponiet li, biex jitneħħa kull dubju, meta jsiru l-intervisti għal impjegati ġodda, jekk ikun hemm qbil unanimu mill-Bord tal-Għażla, id-deċiżjoni tal-Bord għandha titqies approvata mill-Kunsill b'mod awtomatiku. Il-Kunsillier Tabone oġġezzjona minħabba li din tmur kontra l-ispirtu tal-liġi.

5.16. Ittieħed vot dwar din il-proposta li kienet issekondata mill-Kunsillier Bugeja. Ivvutaw favur: Is-Sindku, il-Viċi Sindku u l-Kunsillieri Vella, Bezzina, D Grima u Bugeja. Ivvutaw kontra: Il-Kunsillier A Grima, Tabone u Barbara. Għalhekk il-proposta kienet approvata b'sitt voti kontra tlieta.

5.17. Il-Kunsillier Bugeja ddikjara li ma jixtieqx jibqa' fil-Bord tal-Għażla minħabba li ma jaqbilx ma' min ma jridx jafda lil-membri tal-Bord. Il-Kunsillier A Grima

għalhekk daħal bħala membru tal-Bord biex b'hekk il-Bord issa kien kostitwit mis-Sindku, mill-Kunsillieri Alfred Grima u Daniel Grima u mill-Aġent SE.

5.18. F'dan il-ħin il-Kunsillieri Bugeja u Bezzina talbu li jkunu skużati mil-kumplament tal-laqgħa.

6. **ĦLAS TA' KONTIJIET**

6.1. Kienet ippreżentata l-iskeda ta' pagamenti.

6.2. Il-Kunsillier A Grima staqsa dwar in-numru 137a fejn kien infurmat li din hija tibdil ta' tabella eżistenti u mhux ġdida.

6.3. Irrefera wkoll għan-numri 171 sa 171e fejn ġibed l-attenzjoni li kien diġà talab li għandu jkun hemm id-dettalji tal-bozoz.

6.4. Il-Kunsillier A Grima staqsa dwar il-kontijiet 176 u 177 li kienu jikkonċernaw il-ħarġa kulturali. Huwa saħaq li għandu jkun ippreżentat ukoll id-dħul kontrihom biex ikun jista' jivverifika jekk il-Kunsill hux qed joħroġ flus minn ġewwa għal dawn il-ħarġiet. Is-SE fakkru li huwa kien qiegħed jgħaddi wkoll lista' tad-dħul tal-Kunsill ta' kull xahar iżda jekk ried ikun aktar speċifiku u jkollu d-dettalji tal-ħarġiet biss ma kinitx se tkun problema. F'dan il-ħin infatti s-SE talab lill-Uffiċjal Eżekuttiv Gloria Debono biex tipprovdilu d-dettalji. Sadanittant is-SE fakkar ukoll li l-unika diskrepanza li jista' jkun hemm, u li ftit wieħed jista' jkollu kontroll assolut fuqha hija fuq it-trasport minħabba li għall-ikel kull parteċipant ikun ħallas iżda huwa impossibli li tiddetermina prezz tat-trasport bil-quddiem, la darba jiddependi mill-ammont ta' parteċipanti.

6.5. Is-Sinj. Debono ipprovdiet rendikont tad-dħul u l-infiq tal-aħħar ħarġa li kienet ħalliet bilanċ żgħir pożittiv.

6.6. F'dan il-ħin il-Kunsillier Piscopo talab li jkun skużat mill-kumplament tal-laqgħa.

6.7. Il-Viċi Sindku rrefera għall-kontijiet tat-telefonija li jidhru f'154 sa 158 u 175. Huwa informa li l-Kunsill jista' jindaga prezzijiet ħafna aktar favorevoli.

6.8. Il-Kunsill D Grima rrefera għall-aħħar item tal-iskeda (kont 189) u staqsa x'sar fuq il-kwistjoni tal-garaxx/gym. Il-Kunsill kien infurmat li l-kuntratt twaqqaf u dak il-kont kien tal-perijodu ta qabel.

6.9. F'dan il-ħin il-Kunsillier Barbara informa li ma setax jibqa' aktar għal- laqgħa u għalhekk il-Kunsill spiċċa bla *quorum*. Il-ħin kien id-20:41.

7. **TMIEM IL-LAQGĦA**

7.1. Dawk preżenti qablu li l-laqgħa tiġi aġġornata u li l-laqgħa li jmiss għandha ssir it-Tlieta 12 ta' April fis-19:00.

| | |
|---|---|
| *Iffirmati* | *Iffirmati* |
| **Graziella Galea** | **Paul Gatt** |
| Sindku | Aġent Segretarju Eżekuttiv |

**A**

## Gatt Paul at DLG

| | |
|---|---|
| **From:** | Mandy Buhagiar <[redacted]> |
| **Sent:** | Thursday, February 25, 2016 1:04 PM |
| **To:** | alfred grima |
| **Cc:** | Gatt Paul at DLG; [redacted] @gmail.com; [redacted] @gmail.com; [redacted] |
| **Subject:** | Re: Invitation: San Pawl il-Bahar Council meeting @ Mon 14 Mar 2016 19:00 - 22:00 (Paul Gatt) |

Dear Alfred,

Thank you for your support. I appreciate your understanding of my situation.

Dear Mr Gatt,

Once more I will not be attending the council meeting of the 14th March 2016.

I see that the presence of other councillors is being preferred to mine. The reluctance of flexibility from the council is a detriment to my work as a councillor of this locality.

I once again reiterate that the council meeting being held this late during the day is prohibitive for a mother with young kids. It is shameful that this is the way our council respects the representation of people from all situations in society to sit at the council table.

Further to this I demand an explanation why the invite I received was different to the one below and was for 1400 hrs as is clear from the screen shot attached.

---

From: **Anne French** <[redacted]>
Date: 2016-03-14 12:16 GMT+02:00
Subject: Council meeting
To: Paul Gatt <[redacted]>

Dear Paul,

Sorry but will not be attending the meeting to nite as I will have to be at work.

Thanks

Sent from my iPad